

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-assenza ta' bażi legali għall-pubblikazzjoni.
 - Ir-rikorrenti jsostnu li publikazzjoni kienet tkun *ultra vires* billi ma hemm l-ebda bażi legali li fuqha tista' tibbaża l-konvenuta biex tiġġustifika publikazzjoni, kemm jekk taħt Regolament 1107/2009, Regolament 178/2002 jew Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni Nru 844/2012.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li l-konvenuta aġixxiet b'mod *ultra vires* fil-klassifikazzjoni proposta ta' Thiram billi l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi hija l-unika awtorità responsabbli legalment għall-klassifikazzjoni jew ir-riklassifikazzjoni ta' sustanzi, kif stabbilit fir-Regolament 1272/2008, u l-konvenuta ma għandhiex is-setgħat f'dan ir-rigward.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li l-konvenuta kisret id-drittijiet fundamentali tad-difiża billi naqqset milli tiggarantixxi lir-rikorrenti opportunità sħiħa, xierqa u effettiva biex jissottomettu kummenti fuq riklassifikazzjoni proposta tas-sustanza tagħha.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq il-fatt li l-konvenuta kisret l-Artikolu 63 tar-Regolament 1107/2009 billi ddeċidiet li tippubblika l-informazzjoni li r-rikorrenti fittxew li tkun sanalizzata, li tista' ddgħajjef l-interessi kummerċjali tagħhom.

Rikors ippreżentat fil-15 ta' Settembru 2017 – Vallina Fonseca vs SRB**(Kawża T-625/17)**

(2017/C 374/70)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: José Antonio Vallina Fonseca (Madrid, Spanja), (rappreżentanti: R. Vallina Hoset u A. Sellés Marco, avukati)

Konvenut: Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni

Talbiet

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni SRB/EES/2017/08, tas-7 ta' Ġunju 2017, concerning the adoption of a resolution scheme in respect of Banco Popular Español, S.A.; u
- tikkundanna lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni.

Motivi u argumenti prinċipali

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma simili għal dawk invokati fil-Kawżi T-478/17, *Mutualidad de la Abogacía u Hermandad Nacional de Arquitectos Superiores y Químicos vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-481/17, *Fundación Tatiana Pérez de Guzmán y Bueno u SFL vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-482/17, *Comercial Vascongada Recalde vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-483/17, *García Suárez et vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-484/17, *Fidesban et vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-497/17, *Sánchez del Valle u Calatrava Real State 2015 vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, u T-498/17, *Pablo Álvarez de Linera Granda vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*.
